# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 4 t'Ottubru 2017

**Kawża Nru: 12**

**Rikors Ġuramentat Nru: 562 / 12 JA**

**Michael Pace f'ismu proprju u wkoll bħala mandatarju speċjali tal-assenti Antoinette Schembri; Helen Sammut; u Carmen Azzopardi**

**-vs-**

**Joseph Pace u Irene Scerri; u b'digriet tal-4 ta' Marzu 2016 l-istess Irene Scerri ġiet kjamata fil-kawża għall-fini tat-talba rikonvenzjonali**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi fl-1 ta' Ġunju 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-kontendenti huma sitt aħwa, tfal ta' George u Maria konjuġi Pace;

Illi fil-fatt George Pace miet fit-3 t'Ottubru 1990 ta' 71 sena u martu Maria Pace mietet fit-28 ta' Frar 2011 ta' 87 sena u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikati tal-mewt (Dok 'A' u Dok 'B' annessi);

Illi l-imsemmi George Pace flimkien ma' martu Maria Pace għamlu testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Angelo Vella tat-tnejn u għoxrin (22 ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) (Dok 'C' anness) u li permezz tiegħu ħallew bħala ko-eredi lil uliedhom f'sehem ugwali bejniethom ta' wieħed minn sitta ($^{1}/_{6}$) kull wieħed u ħallew diversi prelegati;

Illi permezz ta' testment addizzjonali fl-atti tan-Nutar Angelo Vella tal-1 ta' Settembru 1990 (Dok 'D' anness), iż-żewġ testaturi mmodifikaw xi pre-legati li huma kienu ħallew bit-testment preċedenti filwaqt li ħallew xi prelegati oħra ġodda u mill-bqija kkonfermaw it-testment preċedenti tagħhom;

Illi wara mewt it-testatur George Pace, martu Maria pace għamlet testment addizzjonali ieħor fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel tal-1 ta' Marzu 1996 (Dok 'E' anness) li fih hija ċċarat il-prelegat li hija kienet ħalliet lil waħda mir-rikorrenti, u ċjoe' lil Antoinette Schembri filwaqt li kkonfermat it-testmenti preċedenti tagħha;

Illi l-esponenti jridu li jinqasam il-wirt u ssir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati mħollija mit-testaturi;

Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jersqu għall-immissjoni fil-pussess tal-legati u l-qsim tal-wirt, baqgħu inadempjenti;

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex, għar-raġunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex jogħġobha:

1. Tordna l-ħlas u l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati li tħallew rispettivament minn George u Maria konjuġi Pace;

2. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn George u Maria konjuġi Pace;

3. Tordna d-diviżjoni tal-assi komunitarji f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja waħda lill-assi partikolari ta' George Pace u l-oħra lill-assi partikolari ta' Maria Pace.

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' George Pace u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża.

5. Tillikwida l-assi partikolari ta' Maria Pace u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża.

6. Tiddividi l-ġid kollu in kwantu għas-sehem spettanti lil George Pace u għas-sehem spettanti lil Maria Pace bejn il-kontendenti f'dawk l-ishma li jispettaw lilhom skond ma ngħad hawn fuq.

7. Tinnomina jekk ikun hemm bżonn perit tekniku għall-finijiet ta' likwidazzjoni tal-beni.

8. Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dak kollu li m'huwiex komodament diviżibbli bl-ammissjoni tal-oblaturi estranji.

9. Tinnomina nutar u kuraturi għall-eventwali kontumaċi sabiex jiġi ppubblikati l-atti relattivi nklużi dawk tal-immissjoni fil-pussess.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 t'Ottubru 2011 [Dok 'F' annessa] li ġiet debitament notifikata kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' Irene Scerri datat 20 t'Awissu 2012 (fol 44) li permezz tagħha ammettiet t-talbiet kif dedotti fiċ-ċitazzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Joseph Pace ippreżentata fil-21 t'Awwissu 2012 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur għandu jġib prova tal-mandat tiegħu biex jidher għan-nom ta' Antoinette Schembri.

2. Fit-tieni lok għandha ssir prova li saret d-dikjarazzjoni *causa mortis* rigward l-wirt *de quo* u lit-taxxa relattiva tħallset.

3. Fit-tielet lok, salv l-prova dwar l-konsistenza tal-assi, limitament għar-rigward tal-wirt ta' missier l-partijiet, George Pace, huwa ma jopponix t-talbiet attriċi.

4. Fir-raba' lok, fir-rigward tal-wirt ta' omm il-partijiet, Maria Pace, huwa rrinunzja li jkun eredi tagħha salv d-dritt għal-porzjoni riservata lilu spettanti skond l-liġi u li dwarha qed tigi intavolata kontra-talba kontestwalment. Fir-rigward tad-diviżjoni tal-assi ereditarjii ta' Maria Pace l-esponenti għalhekk m'għandux ibati spejjeż.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat illi Joseph Pace pprevalixxa ruħu mill-proċeduri istwiti u intavola kontra-talba fejn ġie premess (fol 47):

Illi omm l-kontendenti, Maria armla minn George Pace, mietet fit-28 ta' Frar 2011 u l-wirt tagħha huwa regolat b'testment *unica carta* tat-22 ta' Ġunju 1988 (Atti NutarAngelo Vella) kif modifikat b'testment ieħor fl-atti tan-Nutar Angelo Vella tat-1 ta' Settembru 1990 u testment fl-atti

tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel tal-1 ta Marzu 1996, fejn ħalliet lil sitt uliedha, partijiet f'din il-kawża, bħala eredi universali f'sehem indaqs; u istitwiet diversi prelegati.

Illi l-esponenti rrinunzja li jkun eredi ta' Maria Pace b'riserva għas-sehem riservat lilu spettanti ta' sest ($^1/_6$) ta' nofs ($^1/_2$) tal-valur nett tal-assi skond-dispożizzjonijiet tal-Art 616 u 620 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi s-sehem riservat għandu jkun ħieles mill-ispejjeż u minn xi piż jew kondizzjoni u jiġi kalkolat, *inter alia*, fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali u fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatriċi, b'titolu gratwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, tkun ddisponiet favur ta' xi ħadd. Illi a tenur tal-art 615 (2) tal-Kap 16, *stante* li t-talba qed issir *entro* sentejn mid-data tal-ftuħ tal-wirt, l-esponenti huwa intitolat għall-interessi mit-28 ta' Frar 2011, u ċjoe' d-data tar-mewt ta' Maria Pace.

Għaldaqstant jgħidu l-intimati għaliex din l-Onorabbili Qorti m'għandhiex, ulterjorment mat-talbiet attriċi sa fejn dawn huma kompatibbili mas-segwenti talbiet:

1. Tillikwida s-sehem riservat spettanti lill-esponenti mill-wirt ta' Maria Pace;

2. Tikkundanna lill-partijiet, bħala eredi universali tal-imsemmija Maria Pace, sabiex solidarjament bejniethom iħallsu l-esponenti l-ammont hekk likwidat flimkien mal-interessi b'effett mit-28 ta' Frar 2011.

Bl-ispejjeż ta' din l-kontro-talba kontra l-ko-litigandi l-oħra subizzjoni.

Rat in-nota ta' Irene Scerri datata 3 ta' Settembru 2012 (fol 50) li permezz tagħha rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.

Rat ir-risposta għall-kontro-talba intavolata minn Joseph Pace fejn ġie eċċepit (fol 53):

1. Illi Maria Pace mietet fit-28 ta' Frar 2011 filwaqt li l-konvenut rikonvenjent irrinunzja għall-wirt tagħha fil-21 t'Awissu 2012, proprju dakinhar li ppreżenta r-risposta tiegħu fil-kawża odjerna.

2. Illi l-atturi ri-konvenuti għamlu minn kollox biex tiġi evitata din il-kawża u jintlaħaq ftehim barra l-Qorti, iżda ma sabu l-ebda ko-operazzjoni mill-konvenuti ri-konvenjenti li saħansitra kienu jinjoraw il-korrispondenza lilhom mibgħuta. Għalhekk, filwaqt li l-atturi ma jopponux għat-talba dwar il-likwidazzjoni u ħlas tas-sehem riservat spettanti lil Joseph Pace dwar il-wirt ta' Maria Pace, jopponu għall-ispejjeż tal-kontro-talba odjerna.

3. Illi dwar it-talba tal-konvenut rikonvenjent fejn talab illi jiġi mħallas l-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata bħala sehem riservat a favur tiegħu, l-atturi rikonvenuti jopponu għal dan it-talba. Jiġi rilevat li l-artikolu 615 (2) tal-Kap 16 għadu kif ġie emendat proprju sabiex jiġu evitati ċirkostanzi abbusivi bħal fil-każ odjern, fejn persuna tiddilunga u tidħol fi proċeduri legali appożitament sabiex tirċievi imgħaxiiiet ogħla milli kieku intitolata kieku kellha tiddepożita l-flus f'bank kummerċjali. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha teżerċita s-setgħa lilha mogħtija bis-saħħa tal-proviso tal-istess artikolu u tiċħad it-talba għall-ħlas ta' imgħax fuq is-somma likwidata, jew li tistabbilixxi rata ta' imgħax li tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139 tal-Kap 16.

4. Illi s-sehem riservat għandu jiġi kalkolat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u partikolarment b'referenza għall-artikoli 615, 616, 618 u 620 fost oħrajn.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi d-dokumenti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat ir-rapport peritali redatt mill-Perit Tekniku Mario Cassar (fol 71).

Rat ir-relazzjoni tal-Periti Addizzjonali (fol 100).

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Ramona Frendo LL.D. (fol 499).

Rat li fis-seduta miżmuma fl-14 ta' Ġunju 2017 il-kawża tħalliet għas-sentenza għall-4 t'Ottubru 2017.

## Fatti Fil-Qosor

Illi din hija kawża għad-diviżjoni tal-wirt ta' George u Maria, konjuġi Pace. Għal dan il-għan, l-atturi talbu lill-Qorti tillikwida l-komjuni tal-akkwisti tal-ġenituri u li l-assi jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet indaqs sabiex dawn jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi ta' George Pace u Maria Pace rispettivament, sabiex b'hekk jiġu likwidati l-assi rispettivi tagħhom, isir il-qsim tal-wirt, u l-atturi stess jiġu immessi fil-pussess tal-proprjeta' immobbli mħollija lilhom. Il-konvenuta, Irene Scerri ppreżentat nota ta' ammissjoni. Fil-qosor il-kontestazzjoni ewlenija ġiet imressqa mill-konvenut Joseph Pace, illi filwaqt li għar-rigward tal-wirt ta' missier il-partijiet, George Pace ma opponiex għat-talbiet attriċi, fir-rigward l-assi tal-omm tal-partijiet, Maria Pace, huwa rrinunzja li jkun eredi salv d-dritt għall-porzjoni riservata u għal dan il-għan intavola kontro-talba. L-atturi rrispondew għall-kontro-talba billi ma opponewx għall-ħlas tas-sehem riservat spettanti lill-konvenut rikonvenzjonanti dwar il-wirt ta' Maria Pace, iżda eċċepew illi t-talba għall-imgħax għandha tiġi miċħuda *ai termini* tal-*proviso* tal-Artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili.

Illi rriżulta mill-provi illi l-konjuġi Pace, permezz ta' żewġ testmenti *unica charta* datati 22 ta' Ġunju 1988 (Dok 'C') u 1 Settembru 1990

(Dok 'D') rispettivament, ħallew lis-sitt uliedhom kontendenti bħala ko-eredi f'sehem ugwali bejniethom wieħed minn sitta ($^1/_6$) u ħallew ukoll is-segwenti prelegati:

(i) Prelegat favur l-attur Michael Pace tal-fond 54, Triq San Bartolomew, Qormi;

(ii) Prelegat favur l-atturi Carmela Azzopardi u Antoinette Falzon (illum Schembri) fi kwoti ndaqs bejniethom tal-fond 55, Triq San Bartolomew, Qormi.

(iii) Prelegat favur l-attriċi Helen Pace tal-fond 56, Triq Bartolomew, Qormi.

(iv) Prelegat favur il-konvenut Irene Scerri u Joseph Pace tas-somma ta' Lm 3,000 (€ 6,988.12) kull wieħed.

Illi wara l-mewt ta' George Pace, Maria Pace għamlet testment addizzjonali (Dok 'E') fejn għamlet xi kjarifiki dwar il-prelegat li kienet ħalliet lill-attriċi Antoinette Schembri, filwaqt li kkonfermat t-testmenti preċedenti tagħha.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi minn evalwazzjoni tad-depożizzjonijiet, rapport u in ġenerali mill-atti kollha tal-kawża, naturalment inkluż ir-rikors maħluf, eċċezzjonijiet u kontro-talba, ma jidhirx li l-Qorti għandha xi tbiddel mir-rapport tal-varji esperti. Jiġi rilevat illi waqt is-seduta miżmuma fl-14 ta' Ġunju 2017 Dr Victor Bugeja għall-konvenut iddikjara li kien ser jirrimetti ruħu għar-rapport. Huwi rilevanti wkoll illi ġie konċess lid-difensur tal-atturi fis-seduta tas-7 t'April 2017 (fol 580) aktar żmien sabiex jeżamina ulterjorment ir-rapport Perit Legali u ma ressaq l-ebda osservazzjoni fis-seduti sussegwenti.

Illi din il-Qorti tagħmel referenza partikolari għall-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Perit Legali, Dr. Ramona Frendo fir-rapport tagħha (fol 499) u speċifikament għall-konklużjonijiet minnha raġġunti:

- *"Għaldaqstant, il-valur komplessiv tal-patrimonju formanti l-komunjoni tal-akkwisti ġja' eżistenti bejn id-defuntti konjuġi Pace, ġenituri tal-kontendenti odjerni, huwa ta' €202,917.06 (€175,000 valur tal-proprjeta' immobiljari u €27,342.06 ammonti depożitati fil-kontijiet bankarji + €575 valur tal-mobbli li effettivament jirriżultaw illi jappartjenu lill-assi ereditarji).* (fol 563)

- *"Għaldaqstant, il-valur komplessiv tal-patrimonju parafernali ta' George Pace huwa ta' €3,327.68."* (fol 565)

- *"Għaldaqstant, hija l-umli sottomissjoni tal-esponenti Perit Legali li d-defunta Maria Pace ma kellha l-ebda assi parafernali, u kwindi l-massa ereditarja tagħha tikkonsisti biss fis-sehem ta' nofs minn dik illi kienet il-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn id-defunt żewġha George Pace."* (fol 565)

- Id-diviżjoni tal-patrimonju tad-defunt George Pace. (fol 565 – 567):

  *"Dan ifisser mill-massa ereditarja tad-defunt George Pace:*

  a. *l-ewwel għandu jitħallas sehem l-istess defunt (ossia nofs) mill-prelegat imħolli lill-konvenuti Irene Scerri u Joseph Pace, fl-ammont ta' €3,494.06. Dawn il-pagamenti jistgħu jsiru komodament minn sehem l-istess testatur mill-kontijiet bankarji;*

  b. *Il-bilanc rimanenti mill-istess kontijiet bankarji fl-ammont ta' €6,682.91 flimkien mar-rikavat mill-bejgħ ta' sehem id-defunt mill-garaxx ġja' msemmi fl-ammont ta' €3,327.68 għal total ta' €10,010.59 jiġu diviżi f'ishma ugwali bejn is-sitt kontendenti – ossia l-ammont ta' €1,668.43 kull wieħed. Madanakollu hawhekk jeħtieġ illi jingħad illi mill-provi*

*prodotti, ma jirriżultax li l-ammont rikavat mill-bejgħ tal-garaxx qatt ġie depożitat f'wieħed jew aktar mill-kontijiet bankarji, u għaldaqstant l-unika konklużjoni raġonevoli hija illi meta omm il-kontendenti dehret fuq il-kuntratt ta' bejgħ, hija żammet ir-rikavat in kontanti. Ġaldarba d-defunta Maria Pace ma kellha l-ebda jedd illi tiddisponi minn dawn il-flejjes qabel ma jiġu eżawsti l-assi tal-komunjoni, wieħed jikkonkludi illi dawn il-flejjes kienu fil-fond immobiljari meta ġiet nieqsa l-istess Maria Pace, u allura fuq bażi ta' probabilita', wieħed jikkonkludi wkoll illi dawn il-fondi spiċċaw fil-pussess tal-proprjeta' immobiljari, ossia l-atturi. Kwindi, fid-dawl tal-fatt li l-assi bankarji ma humiex biżżejjed biex ikopru dawn il-pagamenti kollha, għandhom ikunu l-atturi, ossia l-pussessuri tal-immobbli, li jagħmlu tajjeb għal dan in-nuqqas. L-umli sottomissjoni tal-esponenti f'dan ir-rigward hija illi* ***l-bilanċ rimanenti fil-kontijiet bankarji, fl-ammont ta' €6,682.91, għandu jinqasam billi l-ewwel titnaqqas is-somma ta' €3,386.86 rappreżentanti s-sehem dovut lill-konvenuti liema ammont għandu jiġi diviż bejniethom ugwalment (€1,668.43 kull wieħed) filwaqt li r-rimanenti €3,296.05 għandu jiġi diviż ugwalment bejn l-attruri (€824.01 kull wieħed);***

c. *Il-mobbli għandhom jiġu diviżi f'lottijiet ta' valuri ugwali abbażi tal-istima illi saret minn Ivan Bartolo (Dok 'IB1') sabiex jiġu mtella' bix-xorti lil kull wieħed mill-kontendenti ai termini tal-Artikolu 510 tal-Kodiċi Ċivili."*

- Id-diviżjoni tal-patrimonju tad-defunt Maria Pace. (fol 567 – 568):

*"Għalhekk, il-patrimonju ta' Maria Pace ossia l-assi partikolari tagħha għandhom valur totali ta' €101,458.53.*

*Filwaqt li l-konvenuta Irene Scerri, kif intqal aktar qabel, ippreżentat Nota ta' Ammissjoni, il-konvenut l-ieħor Joseph Pace permezz ta' nota ntavolata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) u esebita in kopja a fol 50 tal-proċess, kif debitament riferut u kkonfermat anke fir-Risposta Ġuramentata tiegħu, irrinunzja għall-eredita' ta'*

*Maria Pace, salv id-dritt iegħi għall-porzjon riservata. Dwar dan, l-istess konvenut intavola l-kontro-talba relattiva fejn talab li jiġi likwidat is-sehem riservat spettanti lilu."* (fol 568)

- *"Għaldaqstant hija l-umli fehma tal-esponenti li r-rinunzja tal-wirt li għamel Joseph Pace u l-konsegwenti talba rikonvenzjonali tiegħu għall-porzjon riservata, hija valida u ammissibbli"* (fol 570)

- *"Għaldaqstant il-konvenut Joseph Pace għandu jirċievi wieħed minn tnax ($^{1}/_{12}$) din il-massa ereditarja, u ċjoe' l-ammont ta' €8,454.88 li jinkludi l-prelegat tas-somma ta' €3,494.06 imħollija lilu kif appena ngħad."* (fol 572)

- *"Għalhekk fl-umli fehma tal-esponenti, dina l-Onorabbli Qorti għandha tordna li b'żieda mas-sehem riservat, il-konvenut Joseph Pace għandu jitħallas mill-atturi imgħax ta' 8% fis-sena fuq l-istess sehem riservat b'effett mit-28 ta' Frar 2011 li kienet id-data tal-ftuħ tal-wirt ta' ommu Maria Pace."* (fol 574)

Illi wara li kkunsidrat dan kollu l-Perit Legali kkonkludiet kif ġej (fol 575):

*"7. <u>KONKLUŻJONI</u>*
*In vista ta' dak kollu fuq premess, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti għandha filwaqt illi tiċħad (1) u t-tieni (2) eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Pace in vista tal-fatt illi dawn ġew sorvolati mir-riżultanzi proċesswali:*

1. *Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi billi:*

a) *Tordna illi l-attur Michael Pace jiġi mmess fil-pussess tal-fond 54, Triq San Bartilmew, Ħal-Qormi;*

b) *Tordna l-immissjoni tal-pussess tal-fond 55, Triq San Bartilmew, Ħal-Qormi lill-attriċi Carmela Azzopardi u Antoinette Schembri f'sehem indaqs bejniethom;*

c) *Tordna l-immissjoni tal-pussess tal-fond 56, Triq San Bartilmew, Ħal-Qormi lill-attriċi Helen Sammut;*

2. *Tilqa' t-tieni talba attriċi u kwindi tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn id-defunti George u Maria konjuġi Pace kif elenkat taħt il-parti intestata "**Assi formanti l-Komunjoni tal-Akkwisti**";*

3. *Tilqa' t-tielet talba għar-rikorrenti b'dana illi tordna d-diviżjoni tal-assi komunitarja, tassenja waħda lill-assi partikolari ta' George Pace u l-oħra lill-assi partikolari ta' Maria Pace, kif elenkat taħt il-partijiet intestati "**Diviżjoni tal-Patrimonju ta' George Pace**" u "**Diviżjoni tal-Patrimonju ta' Maria Pace**";*

4. *Tilqa' r-raba' talba tal-atturi billi tillikwida l-assi partikolari ta' George Pace u tiddikjara illi dawn jikkonsistu f'dak elenkat taħt il-parti intestata "**Diviżjoni Patrimonju ta' George Pace**";*

5. *Tilqa' l-ħames talba billi tillikwida l-assi partikolari ta' Maria Pace u tiddikjara illi dawn jikkonsistu f'dak elenkat taht il-parti intestata "**Diviżjoni tal-Patrimonju ta' Maria Pace**";*

6. *Tilqa' s-sitt talba tal-atturi u kwindi tiddividi l-ġid kollu tal-konjuġi Pace bejn kontendenti kif elenkat taħt il-partijiet intestati "**Diviżjoni tal-Patrimonju ta' George Pace**" u "**Diviżjoni tal-Patrimonju ta' Maria Pace**";*

7. *Tiċħad is-seba' talba in kwantu ġja' sorvolata fil-mori tal-kawża bil-kostatazzjonijiet u konklużjonijiet tal-Periti Tekniċi;*

8. *Tiċħad it-tmien talba stante li ma jidhirx li hemm beni li ma humiex komodament diviżibbli;*

9. *Tilqa' d-disa' talba tal-atturi u kwindi tinnomina nutar u kuraturi għall-eventwali kontumaċi sabiex jiġu ppublikati l-atti relattivi nklużi dawn tal-immissjoni fil-pussess.*

*Illi b'referenza għall-kontro-talba tal-konvenut Joseph Pace, l-esponenti umilment tissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-atturi rikonvenuti safejn dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż:*

1. *Tilqa' l-ewwel talba illi tillikwida u tassenja lill-konvenut Joseph Pace l-ammont ta' **€8,454.88** rappreżentanti l-porzjon riservat spettanti lilu mill-assi ereditarji ta' ommu Maria Pace, li fih għandu jittieħed akkont is-sehem ta' €3,494.06 rappreżentanti s-sehem tal-istess defunta mill-prelegat lilu mħolli, u dan bl-interessi skont il-liġi b'effett mit-28 ta' Frar 2011, u dan kif dettalljat taħt il-parti intestata **"<u>Diviżjoni tal-Patrimonju ta' Maria Pace</u>"**;*

2. *Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-atturi u lill-konvenuta Irene Scerri, bħala eredi universali ta' Maria Pace, iħallsu in solidum bejniethom lil Joseph Pace l-ammont hekk likwidat bħala l-porzjon riservat spettanti lilu mill-assi ereditarji ta' Maria Pace, bl-interessi skont il-liġi b'effett mit-28 ta' Frar 2011, u dan kif dettaljat taħt il-parti intestata **"<u>Diviżjoni tal-patrimonju ta' Maria Pace</u>"** u bl-interessi mit-28 ta' Frar 2011 skont il-Liġi.*

Illi fir-rigward tal-imgħaxijiet dovuti għall-porzjoni riservata din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tagħha stess fl-ismijiet **"Helen Baldacchino vs Maria Lourdes Barun"** deċiża fit-30 t'April 2014. F'dik is-sentenza hemm riferenza għall-artikolu 615 (2) tal-Kodiċi Ċivili illi jistabbilixxi infatti li fir-rigward tal-porzjoni riservataż: *"imgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem*

*riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn."*

Illi l-Qorti kwindi se tadotta interament dawn il-konklużjonijiet fis-sentenza.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi b'dan li:**

**a. Tordna illi l-attur Michael Pace jiġi mmess fil-pussess tal-fond 54, Triq San Bartilmew, Ħal-Qormi;**

**b. Tordna l-immissjoni tal-pussess tal-fond 55, Triq San Bartilmew, Ħal-Qormi lill-attriċi Carmela Azzopardi u Antoinette Schembri f'sehem indaqs bejniethom;**

**c. Tordna l-immissjoni tal-pussess tal-fond 56, Triq San Bartilmew, Ħal-Qormi lill-attriċi Helen Sammut; u għall-fini ta' dawn it-tlett talbiet tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-atti relattivi u lill-Avukat Dottor Abigail Critien bħala kuratrici għall-eventwali kontumaċi – il-kuntratti għandhom jiġu ppubblikati fil-jum, ħin u lok iffissat mill-Qorti fuq talba ta' xi parti interessata;**

**d. Tilqa' t-tieni talba attriċi u kwindi tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn id-defunti George u Maria konjuġi Pace kif elenkat taħt il-parti intestata "<u>Assi formanti l-Komunjoni tal-Akkwisti</u>";**

e. **Tilqa' t-tielet talba tal-atturi b'dana illi tordna d-diviżjoni tal-assi komunitarja, tassenja waħda lill-assi partikolari ta' George Pace u l-oħra lill-assi partikolari ta' Maria Pace, kif elenkat taħt il-partijiet intestati "Diviżjoni tal-Patrimonju ta' George Pace" u "Diviżjoni tal-Patrimonju ta' Maria Pace";**

f. **Tilqa' r-raba' talba tal-atturi billi tillikwida l-assi partikolari ta' George Pace u tiddikjara illi dawn jikkonsistu f'dak elenkat that il-parti intestata "Diviżjoni Patrimonju ta' George Pace";**

g. **Tilqa' l-ħames talba billi tillikwida l-assi partikolari ta' Maria Pace u tiddikjara illi dawn jikkonsistu f'dak elenkat taħt il-parti ntestata "Diviżjoni tal-Patrimonju ta' Maria Pace";**

h. **Tilqa' s-sitt talba tal-atturi u kwindi tiddividi l-ġid kollu tal-konjuġi Pace bejn kontendenti kif elenkat taħt il-partijiet intestati "Diviżjoni tal-Patrimonju ta' George Pace" u "Diviżjoni tal-Patrimonju ta' Maria Pace" fir-rapport tal-perit legali;**

i. **Tiċħad is-seba' talba in kwantu ġja' sorvolata fil-mori tal-kawża bil-kostatazzjonijiet u konklużjonijiet tal-Periti Tekniċi;**

j. **Tiċħad it-tmien talba *stante* li ma jidhirx li hemm beni li ma humiex komodament diviżibbli;**

k. **Tilqa' d-disa' talba tal-atturi u kwindi tinnomina l-istess nutar u kuratur għall-eventwali kontumaċi ġja' maħtura aktar qabel sabiex jiġu ppublikati l-atti relattivi għall-qasma tal-assi msemmija.**

**Illi b'referenza għall-kontro-talba tal-konvenut Joseph Pace, il-Qorti, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-atturi rikonvenuti safejn dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida u tassenja lill-konvenut Joseph Pace l-ammont ta' €8,454.88 rappreżentanti l-porzjon riservat spettanti lilu mill-assi ereditarji ta' ommu Maria Pace, li fih għandu jittieħed akkont is-sehem ta' €3,494.06 rappreżentanti s-sehem tal-istess defunta mill-prelegat lilu mħolli, u dan bl-interessi skont il-liġi b'effett mit-28 ta' Frar 2011, u dan kif dettaljat taħt il-parti intestata "Diviżjoni tal-Patrimonju ta' Maria Pace" fl-istess rapport tal-perit legali;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-atturi u lill-konvenuta Irene Scerri, bħala eredi universali ta' Maria Pace, iħallsu *in solidum* bejniethom lil Joseph Pace l-ammont hekk likwidat bħala l-porzjon riservat spettanti lilu mill-assi ereditarji ta' Maria Pace, bl-interessi skont il-liġi b'effett mit-28 ta' Frar 2011, u dan kif dettaljat taħt il-parti intestata "Diviżjoni tal-patrimonju ta' Maria Pace" appena imsemmija, u bl-interessi mit-28 ta' Frar 2011 skont il-Liġi.**

**L-ispejjeż kollha għandhom jiġu sopportati bejn is-sitt kontendenti, kull wieħed skont sehmu mill-assi ereditarji tad-defunti George u Maria Pace.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**